KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37 Tnejn 13 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
James Cassar – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Rachel Tua – Kunsillier -Ittra intbagħtet lis-Sindku

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil membri preżenti li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġiji.

37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 36

Il-minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 ġew approvati unanimament.

### 37.2.1 Punti mqajma mil-minuti Nru 36.5.3

Il-Kunsillier Alex Muscat talab biex jiġu kkoreġuti l-minuti peress li l-Kunsill approva tnejn min nies mhux wieħed. Wieħed *full-timer* u wieħed tal-iskema CIES.

### Sospensjoni tar-Regolamenti

Sospensjoni tal-minuti biex jinqraw il-*financial statments* 33.6.5 u 'l *quarterly report* 33.6.6

### 37.6.5 Financial Statements as at 2016

L'accountant Daniel Galea, spjega il-*financial statements* fejn dawn ħa jgħaddu lil NAO ħalli jiġu approvati mil-awditur. Spjega wkoll li bħala dħul u ħruġ il-Kunsill qiegħed b'surplus ta' kważi 200,000 Ewro. Il-pagamenti qed jitħallsu regolari u għalhekk bħala dejn qed jonqos sostanzjalment, avolja għadt fadal x'jitħallas bħala *payment terms* xorta il-Kunsill miexi fit-triq it-tajba u qed nżommu mal-pjan, kif kien oriġinarjament ippjanat u id-*deficit* qed jonqos.

### 37.6.6 Quarterly Report – Oct –Dec 2016

L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rapport tar-raba kwart bejn Ottubru u Diċembru 2016.

Il-membri qablu unanimament mar-rapport ippreżentat.

### 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku/Korrispondenza

### 37.3.1 Korrispondenza – Invoices Pendenti mill-Perit Etienne Magri –DTR

Il-Kunsilliera talbu biex il-Perit jipprovdi kopji tax-xogħol li sar.

### 37.3.2 Korrispondenza – Quotes for Photocopier-Updates

Il-Viċi Sindku Keith Cassar, informa lil kunsilliera li mil-analiżi li għamel, SG solutions huma l-irħas, u għalhekk ipropona li l-Kunsill jixtri *photocopier black and white* u tal-Kulur b'FSMA agreement. Il-membri tal-Kunsill qablu.

### 37.3.3 Korrispondenza - Invoices Pendenti Dr. Ronald Cuschieri ELC

Il-Kunsilliera talbu iktar provi tax-xogħol li sar.

### 37.3.4 Korrispondenza – Firem mit-Triq Valletta for un/loading bay

Il-Kunsilliera talbu biex tiġi ċċarata it-talba ta' Matthew Bajada u nikkonfermaw ma Transport Malta.

37.3.5 Korrispondenza - Kantuniera perikoluza Triq Dun Ang Dingli

Din it-talba għandha tintbagħat lil TM u nitkelmu magħhom fuq x'jista jsir.

37.3.6 Korrispondenza - Kwotazzjoni fuq sistemi tal-computer

Dawn ġew approvati u il-Viċi Sindku Keith Cassar ħa jiċċekja l-*ispecs* kif wkoll il-*quotes* tal-*MS Office*, qabel ma nikkonfermaw.

37.3.7 Korrispondenza- Ittra mill-Perit Attard fuq rapport PA 5190/16 re Dismountable mobile kiosk

Is-Sindku Ivan Bartolo qara l-ittra. Din għandha tiġi *aknowledged* u tintbagħat kopja lil Planning Authority.

37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

37.5 Rapporti

37.5.1 KLMQ-01-2017 - Removal, Supply and Installation of Qty: (1) 18 BTU Inverter Wall Mounted Air Conditioning Unit and Supply and Installation of Qty (1) 24 BTU Inverter Cassette Air Conditioning Unit

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lest biex jiġi ppublikat għal Marzu, peress li qed issir manutenzjoni mid-Dipartiment fuq is-sistema tal-EPPS.

37.5.2 Cleaning Services at the Mosta Local Council Premises

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lest biex jiġi ppublikat għal Marzu, peress li qed issir manutenzjoni mid-Dipartiment fuq is-sistema tal-EPPS.

37.5.3 KLMQ-03-2017 - Quotation for The Provision Of Service for The Cleaning and Upkeep Of Public Conveniences Using Environmentally Friendly Products.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lest biex jiġi ppublikat għal Marzu, peress li qed issir manutenzjoni mid-Dipartiment fuq is-sistema tal-EPPS.

37.5.4 KLMT-01-2017-Tender for The Provision of General Architectural Services To The Mosta Local Council

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lest biex jiġi ppublikat għal Marzu, peress li qed issir manutenzjoni mid-Dipartiment fuq is-sistema tal-EPPS.

### 37.5.5 KLMT-02-2017 - Tender for The Provision of Legal Services To The Mosta Local Council

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lest biex jiġi ppublikat għal Marzu, peress li qed issir manutenzjoni mid-Dipartiment fuq is-sistema tal-EPPS.

<u>Rapporti oħrajn mis-Sindku Ivan Bartolo</u>

Is-Sindku nforma li fit-8 ta' April xi ħbieb ta' l-ex Ministru Alfred Micallef jixtiequ li ssir quddiesa sufraġju 4:30pm, wara issir ċerimonja żgħira. Il-Kunsilliera qablu u ma sabu ebda oġġezjoni.

Il-Kunsillier Dr. Karl Tanti, nforma lil membri li laqqa' sotto kumitat fuq it-turiżmu, fejn ġew diskussi xi ideat u li 'l-kumitat wasal f'kunsens li jittellaw festivals relatati ma l'għana, u wkoll li dan it-tip ta' festival jiġi abbinat ma Jum Il-Mosta, f'Settembru. Il-Kunsillier Dr. Tanti qal wkoll li sar qbil bejn il-membri tal-kumitat li jiġu nvoluti wkoll għaqdiet Mostin u artisti oħra Mostin, kif wkoll skejjel fil-Mosta. Il-Kunsillier Dr. Tanti qal li għalkemm dawn l'idejat għadhom f'perjodu nfantili, l-membri tal-kumitat li attendew l'ewwel laqgħa urew entużjażmu kbir u ħarġu b'ħafna idejat.

**F'dan il-mument fid-9pm il-Kunsillier Joe Gatt talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.**

Is-Sindku nforma lil membri li hu u 'l-Kunsillier Mark Micallef Costa, fl'24 ta' April, ħa jkun hemm lejla serata ad unur ta' Patri Avertan Fenech, fejn ser ikun hemm qari letterarju 'u anke mużika. Is-Sindku nforma lil membri li 'd-devoti ta' Patri Avertan Fenech xtaqu li ssir irħama mad-dar tiegħu li tindika fejn kien jgħix. Il-membri qablu unanimament biex din l'irħama ssir mil-Kunsill.

Il-Kusilliera Dr. Angele Rapa nfurmat li l' membri ta' sotto kumitat ta' Mosta Solidali ħa jibda jkun hemm grupp ta' voluntiera li ħa jduru l'anzjani u dawk in-nies li jgħixu waħedhom. Dan il-grupp ta' voluntiera ħa jiġu pprovduti b'*tags* u qed jiġu mħarġa b'kodiċi ta' etika ta' kif għadhom jġibu ruħhom meta jżuru lil dawn in-nies.

Relata wkoll mal-proġett Mosta Solidali, s-Sindku nforma lil membri li fl'10 ta' Frar, ltaqa ma grupp ta' professjonisti fejn ħa jiġi ffurmat il-Mental Health Support Group, fejn ġie diskuss kif dan il-grupp għandu joffri għajnuna, u l'ewwel laqgħa ser ssir fis-17 ta' April. Is-Sindku saqsa lil membri tal-kunsill biex jekk jafu lil xi ħadd li jbati min problemi ta' mental health disorder, biex jħeġġuhom jattendu għal l'ewwel laqgħa.

Is-Sindku nforma li qed jkun hemm kuntatt kontinwu mal-Pulizija, fejn saret l'ewwel laqgħa u attendiet wkoll il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici. Il-Kunsilliera Maria Pia

Bonnici nfurmat lil membri li ġew diskussi ż-żoni fil-Mosta, u kif wkoll il-Pulizija qajmu xi punti min-naħa tagħhom.

Is-Sindku nforma lil membri li dalwaqt ħa jżuru San Blas, u ħa jibgħat email lil Kunsilliera b'iktar dettalji għal min jixtieq jattendi. L-aħħar żjara kienet il-ħabs Kordin, fejn attenda wkoll l'Arċipriet, fejn kienet esperjenza sabiħa u għalhekk is-Sindku ħeġġeġ lil membri tal-Kunsill biex jattendu.

Fuq il-ħuġġieġa ta' San Ġwann, is-Sindku nforma lil membri li 'l Kunsillier Dr. Karl Tanti għandu laqgħa ma l'MTA biex naraw kif nistgħu nressqu turisti għal din l'attivita.

Il-Kunsillier James Cassar tkellem fuq id-dekasteru tal-Kultura, fejn qal li diversi drabi qed jaħdem id f'id mad-dekasteru tat-turizmu, fosthom minħabba l-attivita tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann u anki fil-festa ta' l-Għasel Lejliet Jum il-Mosta. James qal li l-membri tad-dekasteru li hu qed imexxi qed jieħdu nteress fl-attivitajiet li resqin u qed jagħmlu ħilithom li jsir kollox bi ħsieb, flimkien ma' Kunsilliera oħra bħal Frans Deguara li qed jieħu ħsieb il-loġistika, Pia Bonnici u Karl Tanti**.**

Pia Bonnici tat rendikont tal-laqgħa li saret mal-Pulizija. Hija qalet li din il-laqgħa ser tinżamm kull xahar, bil għan li jitwasslu lmenti fuq issues li l-Kunsill ikollu fil-komunita. F'din il-laqgħa ssemmiet il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann u l-festa ta' Santa Marija fost oħrajn.

Is-Sindku nforma li 'l-*Bring In Sites* tal-Bidnija ġew vandalizzati billi dawn ġew maħruqin. Dawn ġurnata qabel kienu għadhom kemm inxtraw tnejn ġodda. Is-Sindku nforma li f'April ħa jiġu nstallati *cameras.* Il-Kunsilliera qablu li jerġaw jitpoġġew *domes* wara li jeħlu l-*cameras*.

Is-Sindku ta' *updates* fuq il-lift, fejn id-*draft* tal-kuntratt u dan se jiġi mgħoddi lil kunsilliera għal *feedback*. Kif wkoll, li l'aħħar laqgħa mal-Health ġie ssuġġerit li l'*area* fejn hemm il-bankijiet issir *smoking area*, u l'parti ta' fejn hemm il-posta u disabled toilets, issir *no smoking u* jitwaħħlu tabelli tan-*no smoking*, u jitpoġġew *ashtrays.* Il-Kunsilliera qablu unanimament.

Is-Sindku nforma lil membri li ltaqa' mal-Perit Buhagiar, biex jibdew ix-xogħlijiet tal-PAMA, fejn wkoll dalwaqt ħa jibda x-xogħol tal-bankini.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li 'l-Perit Buhagiar ippreżenta l-pjanta tal-ġnien Kevin Vella, fejn din il-pjanta ġiet mgħorrija lil Kunsilliera biex, jekk il-Kunsilliera jaqblu imexxu ħalli 'l Perit jkun jista japplika mal-Planning Authority. Is-Sindku qal wkoll li tkellem mal-ġenituri ta' Kevin Vella, biex jaraw jekk jixtiequx jagħmlu xi tip ta' monument, li jsir a spejjes tagħhom.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal wkoll li n-naħa tal-*bus bay* hija il-fuq min 60 metru, u għalhekk talab biex issir talba lil Transport Malta biex il-*bus bay* tiqsar peress li m'għadtx hemm bżonn li din tkun twila daqshekk, u b'hekk nkunu nistaw ndaħħlu bejn tlieta jew erba' *parking spaces*. Waħda ssir għad-*disabled*, u l'oħrajn jkunu *short stay parking* / *timed parking* ta' 15 jew 30 il-minuta. Il-Kunsillier Alex Muscat qal wkoll illi dawn il-*short stay parking* / *timed parking* jistgħu wkoll jsiru f'toroq oħra madwar il Mosta, u jkunu *"except for residents"*. Triq li ġiet issuġġerita hija tal-Manwela, fejn in-naħa tal-*ground* jkun *short stay parking* / *timed parking, except for residents*, inkluż Triq Kostituzzjoni, u 'l *parking area* ta' fejn ir-Rotunda meta jsir l'*underground car park.*

Il-Kunsilliera qablu li napplikaw għal permessi ma Transport Malta, biex jibdew jsiru *short stay parking / timed parking*, fuq in-naħa tal-*bus bay,* u fi Triq Manwela.

## 37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 37.6.1 Skeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 37.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 37.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 37.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 37.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet 10:15pm u ġiet aġġornata għat- 13 ta Marzu 2017 fis-7.30pm.

Konfermati llum 13.02.2017.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Ivan Bartolo | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |